

# Folklor fuq il-karozzi tan-nar

Rafel Bonnici Calì

*Nota Editorjali: Minn din is-sena 'l quddiem ħsibna li jkun xieraq li f'din il-pubblikazzjoni nġibu għall-attenzjoni tagħkom sensiela ta' artikli miktuba mill-kompajżan u artist Tarxiniż Rafel Bonnici Calì. Dawn l-artikli oriġinarjament ġew ippubblikati fir-rivista tal-Folklor L-Imnara, u bil-permess ġentili tal-editur ta' din ir-rivista qed nerġgħu nippubblikawhom hawnhekk. Rafel Bonnici Calì għex bejn l-1907 u l-2002 u barra li kien artist li ħalla bosta opri fil-knejjes Maltin, kien ukoll jinteressah ħafna l-folklor u l-istorja ta' Malta, b'mod partikolari dak kollu marbut ma' Ħal Tarxien. Għalhekk f'dawn l-artikli se nsibu bosta referenzi għal dak li kien jiġri fir-raħal tagħna b'rabta mas-suġġett li jkun jitratta kull artiklu partikolari. Tajjeb li qabel wieħed jibda jaqra, iżomm f'moħħu li l-awtur issa ilu sbatax –il sena li ħalliena, għaldaqstant kull referenza għal-'lum' irridu nifhmu li qed tirreferi għaż-żmien li fih inkiteb l-artiklu. Dan l-artiklu proprju ġie ppubblikat fir-rivista 'L-Imnara' tal-1978.*

Min hu xiħ bħali aktarx jiftakar li l-karozzi li jimxu bla żwiemel kienu jissejħu minna l-Maltin "Karozzi tan-Nar", għax waqt li jimxu kienu jarmu d-duħħan; mela kien fihom in-nar.

Dawn dehru fostna fi żmien il-Gwerra l-Kbira li bdiet fl-1914. Ilum nafuhom aktarx bl-isem Ingliż,



*Karozza tal-linja msemmija għall-opra Traviata fl-epoka msemmija mill-awtur*



*Karozza tal-linja msemmija għall-opra Otello ta' Emanuel Agius, id-dajda minn Ħal Tarxien*

*motor cars* għall-karozzi żgħar, imsejħa wkoll karozzi tas-Sinjuri; u *buses* għall-karozzi kbar għall-ġarr tal-passiġġieri.

Meta spiċċat il-Gwerra, fl-1918, uħud mill-karrozzi kbar li kellhom is-servizzi Ingliżi bdew jinbiegħu bl-irħis lill-poplu u wħud minnhom ġew imdawwrin għall-ġarr tal-passiġġieri, b'hekk beda s-servizz popolari mill-irħula għall-Belt b'aktar ħeffa mit-tramvaj (Tram) u l-vapur tal-art (Ferrovija) li kellhom jinqerdu ħesrem madwar l-1930.

Għall-ewwel is-servizz tal-karrozzi kien bla organizzazzjoni; kull sid tal-karozza beda jaħdem għalfejn irid, Malta kienet kollha tiegħu u jaħdem meta jrid, daqqa fuq il-linja u daqqa jinkera għal xi xalata eċċ.

Jien li trabbejt f'Ħal Tarxien, niftakar lil Ċelest, bniedem ħawtieli, lì xtara ambulanza qadima tal-isptar tas-servizzi Ingliżi u dawwarha f'karozza billi żidilha żewġ bankijiet fuq ġewwa u gallarija fuq wara biex isservi għad-dħul u l-inżul tal-passiġġieri. Huwa żebagħha kaħla ċara biex taqbel mal-isem Ċelest u mal-ġnub tagħha barra żied l-isem b'ittri kbar TA' ĊELEST. Tgħidx kemm sar popolari man-nies tar-

*ikompli f'paġna 70*



*Karozza tal-linja msemmija għal-lokal f'Malta*

raħal, għax kien jaħdem għall-Belt, u meta jasal is-sajf, kien jaħdem għall-bajja ta' Birżebbuġa.

Għall-ewwel żmien il-karrozzi kienu jinżebgħu kif ifettillu sidhom, ngħidu aħna sid mill-Furjana kien aktarx jiżbogħ il-karrozza ħadra bħal lewn tal-klabb tal-ballun Furjaniż, waqt li sid minn Tas-Sliema kien aktarx jagħżel il-lewn ikħal lewn tal-klabb Slimiż.

Dan kien jirrifletti l-ilwien li kienu jinżebgħu d-dgħajjes tat-tiġrija tal-Vitorja fil-Port il-Kbir, iżda il-karozzi tal-passiġġieri żiedu tiżjin ieħor li jirrifletti l-puleni tal-bastimenti antiki, jiġifieri żiedu figuri u girlandi tal-fjuri pinġuti mal-ġnub tagħhom u fuq il-warrani tal-gallarija. Kien fihom x'tara, xejn anqas mill-karrijiet ta' Sqallija li fuq il-ġnub tagħhom kien ikun fihom tiżjin mill-isbaħ ta ' xeni bil-figuri b'ħafna lwien.

Imma l-karrozzi tal-passiġġieri ta' Malta kienu ta' għamla speċjali u b'tiżjin kollu kemm hu Malti li ma jixbahx lil ta' ħaddiehor; kien kollu kemm hu folklor Malti li żviluppa fi ftit snin u ġie wkoll maħnuq ftit wara li twieled.

Fih daħlu mhux biss disinji ta' ward u ornât imma wkoll xbiehat tal-Qaddisin u nies oħra importanti meħudin mill-istorja ta' Malta u tad-dinja kif iddur. Niftakar sewwa li sid ta' karozza mill-Belt żebagħ il-karozza tal-passiġġieri ħamra għax huwa kien devot tal-Qaddis Martri San Pawl, u ried ix-xbieha tal-Qaddis fuq kull naħa tal-karrozza. Ried ukoll isib pittur biex ix-xbieha tkun sewwa sew kopja tal-vara tal-Qaddis li hemm fil-Bieb tal-Belt u dan qabbad lili. Ix-xogħol ingħoġob u għalhekk sidien oħra qabbduni npinġilhom qaddisin u xbiehat oħra fuq il-karozzi tagħhom. Biex ma ntawlux, sid minn Ħal Qormi ried lil San Ġorġ fuq iż-żiemel ieħor minn Ħaż-Żebbuġ ried lil San Filep, ieħor mill-Ħamrun ried lil San Gejtanu u oħrajn riedu lil San Ġużepp jew qaddisin oħra waqt li wieħed minn Għawdex ried lil San Pietru Pawl, il-patrun tal-parroċċa tan-Nadur.

Dawn il-qaddisin kienu juru fejn il-karozzi kienu jieħdu n-nies flok l-isem tal-belt jew raħal, imma meta l-karozzi żdiedu dehru l-ismijiet tal-irħula fuq it-tabella (destination).

Kienu dehru wkoll xbiehat oħra bħal tal-President George Washington fuq karozza ta' wieħed li darba kien l-Amerka, Tom Mix il-Cowboy, jew isem ta' xi artista taċ-ċinematografija u ta' dak iż-żmien, kulħadd gostih. L-istorja ta' Malta wkoll wriet ruħha bl-ismijiet u xbihat tal-Granmastri La Valette, Cottoner u Pinto eċċ. Kif ukoll b'Mannarinu u Mattew Callus. In-namrati wkoll ħadu sehem u niftakar l-ismijiet ta' T Evelina, Pawlina u Melita.

Għall-ħabta tal-1927 il-Gvern ried li jsiru l-linji tal-karrozzi kull linja b'lewn għaliha u hekk dawk tal-Mellieħa bdew jinżebgħu bl-abjad, tar-Rabat bl-ikħal skur, ta' Birżebbuġa bl-ikħal ċar, ta' Tas-Sliema bl-aħdar skur, ta' Bormla bl-aħdar ċar, ta' Birkirkara bl-aħmar, ta' Ħaż-Żebbuġ bl-isfar eċċ. Imbagħad madwar l-1933, il-Gvern ma riedx aktar girlandi u ismijiet u lanqas xbihat fuq il-qafas ta' barra tal-karozzi tal-linja.

Ilum għandna l-karrozzi tal-linja kollha ta' lewn wieħed u jingħarfu bin-numru, imma s-sidien żammew ftit mit-tradizzjoni tal-folklor billi għadhom



*Statwa tad-Duluri f'waħda mill-karozzi tal-linja li kienu jintużaw dan l-aħħar.*




*Il-kliem tal-Verbum Dei mpitter f'waħda mill-karozzi tal-linja*

iżommu l-ġewwieni tal-karrozzi tagħhom bi xbihat tal-qaddisin tagħhom u xbihat oħra li jħobbu imma l-aktar ħaġa popolari tagħhom hija l-kliem latin - "Verbum Dei Caro Factum Est " li xerred il-qaddis Dun Ġorġ Preca tal-Mużew fostna l-Maltin fl-istess ħin li dehru l-*motor cars*.

Jiena li kont imdaħħal sewwa f'dan il-qasam tal-folklor billi, kif diġà għidt kont imsejjaħ biex inpinġi dawk ix-xbihat, kont ukoll immaqdar minn sħabi l-artisti żgħażagħ għax dehrilhom li kont qiegħed inwaqqa' l-arti fil-baxx, imma l-artisti xjuħ bħal Dwardu Caruana Dingli u Toni Micallef għamluli kuraġġ u tawni parir biex inkompli naħdem għax il-pittura fuq il-ħajt, fuq it-tila, fuq il-karta, fis-swali u fuq il-karozzi hija dejjem arti jekk maħduma tajjeb. Din hija l-istorja ta' kif bdejt il-karriera tiegħi bħala pittur tal-folklor meta kelli 18 -il sena.




